

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

**P6\_TA(2006)0560**

### **It-twaqif tal-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-Globalizzazzjoni \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-Globalizzazzjoni (COM(2006)0091 — C6-0082/2006 — 2006/0033(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0091)<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 159(3) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0082/2006),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0385/2006),
1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

### **P6\_TC1-COD(2006)0033**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Diċembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 159,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni <sup>(2)</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) Minkejja l-effetti pożittivi tal-globalizzazzjoni fuq l-iżvilupp u l-impjiegi fil-Komunità, din tista' wkoll iġġib konsegwenzi negattivi għall-ħaddiema l-aktar vulnerabbli u dawk l-anqas kwalifikati f'ċerti setturi. Għalhekk huwa opportuni li jiġi stabbilit Fond Ewropew ta' aġġustament għall-Globalizzazzjoni (l-EGF) aċċessibbli għall-Istati Membri kollha, li permezz tiegħu l-Komunità, turi s-solidarjetà tagħha lejn il-ħaddiema kienu affettwati minn telf ta' impjiegi b'riżultat ta' bidliet fil-konfigurazzjonijiet kummerċjali dinjija.

<sup>(1)</sup> Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Settembru 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU)

<sup>(2)</sup> Opinjoni mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU).

<sup>(3)</sup> Posizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2006.